MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 213/2008/1

**Mario Agius**

**v.**

**Anna Agius**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

B'rikors ipprezentat quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fis-16 ta' Mejju, 2008 ir-rikorrent Mario Agius ppremetta:

“Illi l-partijiet kienu kkuntrattaw separazzjoni konsenswali permezz ta’ att ippubblikat min-Nutar Dr. Peter Fleri Soler fis-27 ta’ Gunju 1995;

“Illi skond dan il-kuntratt kellu jaghti lill-intimata Lm30 fil-gimgha bhala manteniment ghaliha u ghal uliedhom u cioe’ Lm15 ghall-intimata u Lm15 ghat-tfal;
“Illi r-rikorrenti, fil-fatt, ma jahdimx u ghalhekk m’ghandux introjtu hlief ghall-ghajnuna socjali;

“Illi r-rikorrent ha ukoll kura psikjatrika;

“Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“Tirriduci r-rata tal-alimenti dovuta lill-intimata u lit-tifel minuri ghal dik ir-rata li jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti.

“Bl-ispejjez kontra l-intimata Anna Agius, li tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni.

“B-risposta ntavolata fl-4 ta’ Novembru, 2008 l-intimata Anna Agius eccepiet:

“Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attur, bhala infondata fil-fatt u fid-dritt, stante illi kuntrarjament ghal dak li qed jigi allegat mill-attur rikorrenti, hu qieghed jahdem bi qliegh, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“Illi l-allegazzjonijiet li qed iqajjem l-attur rikorrenti huma ghal kollox inveritiera u fiergha, u qed isiru minnu sabiex jahrab mill-obbligu u dmir tieghu li jivversa manteniment ghall-martu l-konvenuta u ghal uliedu.

“Illi konsegwentement, it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.”

**Is-sentenza appellata.**

Il-prim’awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fil-11 ta’ Jannar, 2011 meta, ghar-ragunijiet hemm moghtija, cahdet it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess attur u dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza, l-attur qed jitlob lill-Qorti tirriduci l-ammont ta’ manteniment li kien obbliga ruhu li jhallas lil martu f’kuntratt tas-separazzjoni fl-1995.

“Jirrizulta mill-provi prodotti illi l-attur m’huwiex qieghed fis-sitwazzjoni finanzjarja mweghra li jghid li qieghed fiha.
“Huwa jallega li ma jistax ikollu mpieg minhabba s-sitwazzjoni psikjatrika tieghu. Il-Qorti tinnota li, ghalkemm il-psikjatra effettivament iccertifika dan, il-Bord ufficjali tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali cahdu t-talba tal-attur ghall-“boarding out”. Fil-fatt, kien hemm ukoll rapport investigattiv mill-Benefit Fraud and Investigation Directorate li kien wassal ghat-twaqqif ta’ kull beneficcju u talba ghar-rifuzjoni. Dan kollu gie konfermat bil-gurament minn George Cremona, rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali (fol. 317).

“Jirrizulta wkoll illi l-attur jospita studenti barranin ghall-iskola Inlingua. Dokumentazzjoni prodotti turi li fis-sena 2007 qala’ aktar minn elfejn Lira Maltin minn din l-attivita’.

“Tul dawn l-ahhar snin, jirrizulta wkoll illi l-attur biegh u xtara proprjeta’, dejjem bi qliegh. Infatti l-ahhar proprjeta’ mixtrija thallset kwazi kollha fi flus kontanti. Jirrizulta illi fis-sena 2008, l-attur ghamel qliegh minn bejgh ta’ proprjeta’ wahda fl-ammont ta’ €30,000. Il-Qorti ma taccettax l-ispjegazzjonijiet fjakki tal-attur rigward x’sar mill-qliegh. Minbarra d-dar li jghix fiha, l-attur huwa proprjetarju wkoll ta’ bicca art.

“Lanqas ma temmen il-Qorti dak li jghid l-attur ghar-rigward ta’ l-allegazzjoni li, meta jmur ma’ siehbu bit-tilar tal-hot dogs fil-festi, dan jaghmlu biss biex jghaddi z-zmien.

"Il-Qorti ma tistax ma tinnotax il-fatt li l-attur qed jittenta jwaqqaf il-manteniment lil martu, li qieghda ssostni tifel li, ghalkemm maggorenni ghadu jistudja meta ghar-rigward tal-iben tar-relazzjoni tieghu barra z-zwieg, huwa jhallas skola privata indipendenti fl-ammont ta' mill-anqas sitt mitt Lira fis-sena."

**L-appell tar-rikorrent.**

Ir-rikorrent hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fit-28 ta' Jannar, 2011 talab li din il-Qorti joghgobha li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija u dan billi tilqa' t-talbiet attrici u tnehhi jew tirrivedi l-manteniment li ghandu jigi somministrat mill-appellant lill-appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata.

L-appellata Anna Agius ipprezentat risposta ghall-appell ta' Mario Agius fejn fl-ewwel lok talbet l-isfilz tad-dokument anness mar-rikors tal-appell ghar-ragunijiet hemm indikati u fit-tieni lok talbet li l-appell jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

F'dawn il-proceduri l-attur qed jitlob li, minhabba tibdil fic-cirkostanzi tieghu kemm ta' natura finanzjarja kif ukoll ta' sahha li wasslet ghan-nuqqas ta' impieg tieghu, ir-retta alimentarja li kienet giet stabbilita permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali tas-27 ta' Gunju 1995, tigi riveduta billi titnaqqas, ghax kif isostni hu, l-uniku introjtu tieghu jikkonsisti fl-ghajnuna socjali. Bl-imsemmi kuntratt huwa kien intrabat li jissoministra manteniment fl-ammont ta' Lm15 fil-gimgha ghal martu, il-konvenuta u Lm15 fil-gimgha ghat-tfal. Il-konvenuta intimata laqghet ghal din it-talba billi ddikjarat li din kienet infondata inkwantu l-attur kien jahdem bi qliegh.

Kif rajna l-prim'awla tal-Qorti civili bis-sentenza appellata cahdet it-talba attrici billi osservat li mill-provi prodotti ma kienx jidher li l-attur kien jinsab fis-sitwazzjoni finanzjarja mweghra li hu jghid li qieghed fiha.

In sostenn tal-appell tieghu, l-attur ressaq zewg aggravji koncernanti:-

a) l-applikazzjoni zbaljata tal-Artikolu 54 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u
b) il-fatt li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti.

Dawn iz-zewg aggravji huma marbutin flimkien. L-Artikolu 54 imsemmi jitkellem dwar l-obbligu ta’ hlas ta’ manteniment u l-mod kif dan ghandu jigi stabbilit mentri fis-subartikolu 7 tal-istess artikolu nsibu li hemm provdut ghat-tibdil ta’ dan il-manteniment hekk stabbilit meta jkun hemm tibdil li jigri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli ghall-manteniment jew il-bzonnijiet tal-parti l-ohra. Huwa proprju fuq dan l-aspett ta’ tibdil li l-appellant isostni li l-ewwel Qorti ma ghamiltx apprezzament korrett tal-fatti.

Il-kontro-parti ssostni li l-ewwel aggravju tal-appellant, inkwantu bazat fuq l-Artikolu 54(2) u 54(7) tal-Kodici Civili, ghandu jigi michud billi, skont l-intimata, dawn l-artikoli ma japplikawx f’kaz ta’ manteniment stabbilit *ex contractu.* Huwa minnu, kif sejrin naraw, li l-qrati taghna ttrattaw il-manteniment konsenswali (u cioe` dak stabbilit b’kuntratt) u dak rizultanti minn sentenza, b’mod differenti, izda din il-Qorti ma tara ebda fondament f’dak li qed tissolleva l-appellata billi kif jipprovdi l-Artikolu 59 tal-Kap. 16 il-firda bil-kunsens taz-zewg partijiet fiz-zwieg tista’ biss titwettaq b’digriet tal-Qorti li qabel xejn ikollha d-dritt li thassar, tvarja u ddahhal dawk il-kundizzjonijiet li hija thoss xierqa. Inoltre s-subartikolu (3) tal-istess artikolu jiddisponi li “*Dan id-digriet ghandu l-istess effetti ta’ sentenza tal-qorti kompetenti.*” Isegwi li dak li hemm provdut fl-Artikolu 54, hawn fuq imsemmi, japplika wkoll ghal kazijiet ta’ firda konsenswali.

Dan premess din il-Qorti tosserva li l-gurisprudenza, hlief ghaz-zminijiet aktar ricenti, hija konkordi fis-sens li meta l-manteniment ikun gie stabbilit bil-kunsens tal-partijiet f’kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali, dak il-mateniment ma setax jigi rivedut, imnaqqas jew mizjud, hlief bil-kunsens espress taz-zewg kontraenti u dan b’rispett lejn

il-principju *"pacta sunt servanda".* Kien fi zminijiet aktar ricenti li l-Qrati bdew iwarbu r-rigidita` ta' dan il-hsieb fl-interess tal-ordni pubbliku u b'rispett lejn il-principju *"ad impossibilia nemo tenetur*" biss din il-koncessjoni, kif gie ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza **Alfred Grech v. Pauline Grech** - Appell 16 ta' April, 2004, kellha tinghata biss meta jikkonkorru certa cirkostanzi li gew kwalifikati "*bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` tal-attur li gabuh fl-impossibilita` li jhallas retta alimentarja*." Huwa f'dan il-kuntest li din il-Qorti trid thares lejn it-tieni aggravju sollevat mill-appellanti.

Jibda biex jinghad li meta appell ikun msejjes fuq allegazzjoni ta' apprezzament zbaljat tal-ewwel Qorti tal-provi prodotti, huwa principju assodat li din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, toqghod lura milli tiddisturba dak l-apprezzament sakemm ma jkunx jidher li ser tinholoq ingustizzja ovvja jekk dawk il-provi ma jinghatawx konsiderazzjoni xierqa li twassal ghal konkluzzjoni differenti minn dik li tkun waslet ghaliha l-ewwel Qorti. Jinghad ukoll fir-rigward li din il-Qorti tkun reluttanti milli tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti billi dik il-Qorti tkun hadet konjizzjoni tax-xhieda "*viva voce*" u tkun f'posizzjoni aqwa li tapprezza dak li jinghad mill-partijiet u x-xhieda.

Tenut kont ta' dan, din il-Qorti wara li hadet konjizzjoni tal-provi kollha prodotti hija tal-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti biex waslet ghall-konkluzzjoni taghha fis-sentenza appellata, kien wiehed korrett, ekwu u gust u ghalhekk ma ssib ebda raguni l-ghalha ghandha tiddisturba dan l-apprezzament. Dan qed jinghad billi mill-assjem tal-provi ma jirrizultawx cirkostanzi "*ta natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita` li jhallas ir-retta alimentarja".* Infatti kif sewwa osservat l-ewwel Qorti ma hemm ebda prova li teskludi lill-attur il-possibilita` li jzomm impieg, tant hu hekk li kellu l-okkazzjoni li jospita studenti u hekk ghamel ghall-sentejn pero` sussegwentement u fuq xelta tieghu, huwa ma baqax jaghmel dan ix-xoghol lukrattiv. Huwa jghid li jghin lil siehbu fil-bejgh tal-*hot dogs* fil-festi

pero` jghid li dan jaghmlu bla hlas. L-ewwel Qorti fir-rigward ma emnitx dak li sostna l-attur dwar gratuwita` ta' dan is-servizz u din il-Qorti tosserva li, fic-cirkostanzi li jghid li jinsab fihom l-attur, kien zbaljat da parti tieghu li ma jitlobx hlas biex b'hekk jipprova jonora l-obbligi tieghu fil-konfront ta' martu. Inoltre din il-Qorti tosserva li, anke jekk dan ix-xoghol isir b'mod gratuwitu l-fatt fih innifsu jindika li l-attur, kieku jrid, jista' jahdem. Fl-ahharnett l-ewwel Qorti, u din il-Qorti bhala, kienet sorpriza bit-talba attrici meta rrizulta li, minkejja li stampa mweghra li jpingi l-attur biex jevita li jhallas jew jhallas inqas manteniment lill-martu, fl-istess hin huwa jhallas somma konsiderevoli ghall-edukazzjoni privata ta' iben iehor minn relazzjoni tieghu barra z-zwieg.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-attur qed jigi michud bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------